**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Francis Mallia et.**

**Vilipendju tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana — — Storbju — Appell — Art. 161 u 352(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Biex il-Prosekuzzjoni tista' tappella minn sentenza tal-Maġistrat jeħtieġ, jew li l-Ewwel Qorti tkun illiberat l-imputat fuq il-fatt "kif dedott" apparti mill-provi, jew li tkun enunċjat skorrettament l-ipotesi tal-liġi u mbgħad applikat għall-fatti tal-każ kif riżultati din l-ipotesi skorretta. Din hi ġurisprudenza paċifika minn żmien.*

*Għaldaqstant, jekk l-imputat kien akkużat talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat, u li bil-kliem kasbar pubblikament ir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, u l-Maġistrat, fil-waqt li jikkundannah dwar l-ewwel imputazzjoni, jilliberah mit-tieni waħda, għaliex ir-ritjena illi l-kliem li qal l-imputat ma jammontax għal tkasbir ta' dik ir-Reliġjon, dik is-sentenza, in kwantu lliberat lill-imputat minn dik l-imputazzjoni, mhix appellabbli mill-Prosekuzzjoni; għax il-Maġistrat, fuq il-fatt kif*

*semplicement "dedott" żgur ma lliberax, għax sema' l-provi, u ebda enunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi ma saret fis-sentenza appellata, billi l-Ewwel Qorti ma affermat ebda prinċipju dwar dak ir-reat, imma biss għamlet apprezzament ta' fatt "nudo e crudo" u kkonkludiet li dak il-fatt "ut sic" ma jammontax għar-reat addebitat lill-imputat.*

*U hu paċifiku illi l-Qorti tal-Appell, b'liġi, taqbel jew ma taqbelx ma' dak l-apprezzament ta' fatt, ma tistax fuqu biss tammetti appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni.*

**Il-Qorti:**— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati talli l-Ħamrun, fit-22 ta' Ottubru 1958, f'xi t-8.15 p.m., volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-għajjat; barra minn dan, bi kliem kasbru publikament ir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, li hija r-Reliġjon ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li biha sabet lill-imputati mhux ħatja ta' tkasbir tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana u lliberathom minn din l-imputazzjoni, u sabithom ħatja talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-għajjat u talli qalu kliem mhux xieraq u offendew il-morali publika, u kkundannathom, kull wieħed, għall-ammenda ta' lira għall-ewwel reat u għall-ammenda ta' £2 għat-tieni reat; wara li kkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni, ċjoè dik tal-ksur tal-bon ordni, irriżultat soddisfaċentement; però dwar l-imputazzjoni *ta' tkasbir tar-Reliġjon din il-Qorti tħoss li l-aġir* u l-kliem tal-imputati "issa sejjer naqralkhom il-Vanġelu ta' nhar il-Ħadd" ma jammontawx għat-tkasbir tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, u għalhekk ma jagħqux taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu, ma jistax jingħad li l-imputati bl-aġir u l-kliem tagħhom ma kisrux ebda dispożizzjoni tal-liġi. Infatti, dawn jikkostitwixxu ksur tal-liġi kontemplat fl-art. 352(z) tal-Kodiċi Kriminali, għaliex dak li qalu, u fiċ-ċirkustanzi li qaluh, jikkostitwixxi kliem mhux xieraq u joffendi l-morali;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, limitatament għal dik il-parti tas-sentenza li biha ġie ritenut *li l-imputati mhumiex ħatjin* ta' tkasbir tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana u ġew liberati minn dik l-imputazzjoni, u misjuba minflok ħatja biss talli qalu kliem mhux xieraq u li offendew il-morali publika, u kundannati għall-ammenda ta' £2 għal dan ir-reat, u talab li, minflok, jiġi deċiż li l-imputati huma ħatjin tar-reat oriġinarjament dedott kontra tagħhom (minbarra dak ta' ksur tal-bon ordni u kwiet tal-publiku, li għalieh ġew debitament kundannati), ċjoè tar-reat ta' tkasbir fil-publiku tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, li hija r-Reliġjon ta' dawn il-Gżejjer, u li jiġu kundannati, minflok għall-ammenda ta' £2 kull wieħed, għall-piena xierqa għal dak ir-reat;

Trattat l-appell tal-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

*Illi biex il-Prosekuzzjoni tista' tappella, jeħtieġ li,* jew li l-Ewwel Qorti tkun illiberat fuq il-fatt "kif dedott" apparti mill-provi, jew li tkun enunċjat skorrettament l-ipotesi tal-liġi u mbgħad applikat għall-fatti tal-każ kif riżultati din l-ipotesi skorretta. Din hi ġurisprudenza paċifika minn żmien;

F'dan il-każ, fuq il-fatt kif semplicement "dedott", żgur ma lliberatx, għax semgħet il-provi. Jibqa' l-alternattiva l-oħra; imma lanqas din ma *tirrikorri, għaliex,* meta wieħed jeżamina s-sentenza appellata, isib li l-Maġistrat ma enunċja ebda ipotesi tal-liġi, ma afferma ebda prinċipju dwar ir-reat in eżami, iżda biss, bħala apprezzament ta' fatt, "nudo e crudo", ġie għall-konklużjoni li dak il-fatt "ut sic" ma jammontax għar-reat oriġinarjament addebitat lill-imputati; xejn aktar. Issa, hu paċifiku li din il-Qorti, b'liġi, taqbel jew ma taqbelx ma' dak l-apprezzament ta' fatt, *ma tistax, fuqu biss, tammetti appell mill-*parti tal-Prosekuzzjoni;

**Għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara s-sentenza mhix appellabbli, u konsegwentement tiddikjara dak l-appell null u irritu.**